PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9601 — Czech Media Invest/Rockaway/Brasinex Bohemia)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 197/05)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Czech Media Invest a.s. (iċ-Ċekja),

— Rockaway Capital SE (iċ-Ċekja),

— Brasinex Bohemia, a.s. (iċ-Ċekja).

Czech Media Invest a.s. u Rockaway Capital SE Brasinex Bohemia a.s. jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Brasinex Bohemia a.s. kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Czech Media Invest a.s.: attivitajiet fis-settur tal-media fl-Ewropa ċentrali u tal-punent, b'mod partikulari l-pubblikazzjoni ta' rivisti u xandir bir-radju,

— Rockaway Capital SE: investiment f'kumpaniji eżistenti u start-ups fil-qasam tas-servizzi tal-internet, fosthom il-kummerċ elettroniku,

— Brasinex Bohemia, a.s: attivitajiet, partikolarment fir-Repubblika Ċeka, fil-livelli kollha tas-suq tal-ktieb, mill-pubblikazzjoni sad-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' kotba għall-bejgħ ta' kotba mill-ħwienet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9601 — Czech Media Invest/Rockaway/Brasinex Bohemia

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne/Europese Commissie
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË